VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,960, 13 ta' Marzu, 2018
Taqsima B

A.L. 81 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Maltese Sign Language Interpreting – P.G. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Isititut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut, liema ordinamenti ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Maltese Sign Language Interpreting – P.G. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Lingwistika u tat-Teknoloġija tal-Lingwa;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Maltese Sign Language Interpreting – P.G. Dip.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Maltese Sign Language Interpreting – P.G. Dip.; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2018 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li huma profiċjenti fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija, fil-Malti u fl-Ingliż u li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollhom grad ta' Bachelor; u

(b) jgħaddu minn intervista li għandha ssir parti bil-Malti, parti bl-Ingliż u parti bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija biex jiġu determinati l-għarfien u l-profiċjenza tal-lingwa tagħhom.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. In-numru ta' postijiet disponibbli jkun imħabbar fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk l-għadd ta' applikanti jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji mwieżna kif ġej:

(a) il-kwalifiki – 50%;

(b) il-prestazzjoni waqt l-intervista – 50%.

(4) Il-bord għall-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri, li wieħed minnhom għandu jkun persuna nieqsa mis-smigħ b'esperjenza fit-tagħlim tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jkunu diġà qegħdin jagħmlu xogħol ta' interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija u li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għandhom jiġu kkunsidrati l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq erba' semestri ta' studju fuq bażi *part-time* li jista' jinfirex fuq ix-xhur tas-sajf.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju mgħallma u komponent prattiku b'total ta' 60 krettu ECTS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord tal-Istudji wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament u l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

7. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għotji tal-Postgraduate Diploma jekk jiksbu s-60 krettu ECTS kif imfassla fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja globali ta' mill-anqas 50%.

Il-Klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.